MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Edgar Borg
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 huwa sofra ingustizzja f' li ma nghatax promozzjoni misthoqqa;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent dahal jahdem fil-Korp tal-Pulizija fi Frar ta' l-1979. Illi fl-1984 huwa gie trasferit ghal mad-Drug Squad. Illi f'Settembru ta' l-1986 ir-rikorrent intbaghat fil-Germanja biex jibda tahrig intensiv ta' tlettax-il xahar fis-suggett relatat mal-glieda kontra d-droga. Illi dan l-istudju intensiv intemm b' success ghar-rikorrent.

Illi r-rikorrent irritorna Malta mill-Germanja f'Settembru tal-1987. Illi f'dik is-sena stess ir-rikorrent kien ghamel l-ezami ghall-grad ta' Spettur. Illi qabel ma ghamel l-ezami ghal Spettur ir-rikorrent kien tkellem mal-Minsitru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien u dan qallu li r-rikorrent m'ghandux jippretendi li ghandu jilhaq Spettur, anke jekk kien ghamel tahrig intensiv f'xoghlu, barra minn Malta. Illi wara l-ezami fil-fatt ir-rikorrent ma kienx sar Spettur. Illi persuni ohra li kienu applikaw ghall-promozzjoni ta' Spettur u li ma ntghazlux bl-ewwel ezami, sena wara kienu tpoggew Spetturi, u dan biss wara interview. Illi r-rikorrent qatt ma nghata opportunita` li jersaq ghal dan l-interview, u ghalhekk qatt ma sar Spettur. Illi r-rikorrent kien konvint illi huwa qatt ma ha din il-promozzjoni misthoqqa minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi meta ghamel l-istudji tieghu fil-Germanja r-rikorrent stinka u hadem kemm felah biex ikun jista' jservi xoghlu aktar sew fil-Korp u jipprova jghaddi dak li tghallem lil Pulizija ohra fil-Korp. Illi r-rikorrent dan setgha biss jaghmlu jekk ikun fi grad li jista' jamministra x-xoghol, bhal fi grad ta' Spettur. Illi persuni ohra li lehqu Spettur ghandhom inqas kwalifiki minn tar-rikorrent;

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha indikat fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li r-rikorrent jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata promozzjoni li huwa tilef, u dan b'lura mid-data li huwa kien jikkwalifika ghal din il-promozzjoni, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'dak l-ammont li jidhirlu xieraq it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Li fit-22 ta’ Lulju 1987 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet minn membri tal-Korp ghal dawk li xtaqu jattendu course li kellu jwassal ghall-ezami intern ghal grad ta’ Spettur.

Illi d-data ta’ l-gheluq ghall-applikazzjonijiet kienet taghlaq fis-27 ta’ Lulju 1987.

Illi l-lectures li kienu ghal tliet xhur kellhom jibdew f’ xi zmien vicni l-1 ta’ Awissu 1987.

Illi r-rikorrent f’xi zmien f’Awissu 1987 kien ghamel talba bil-miktub fejn talab sabiex jinghata permess japplika peress li hu ma setax japplika fiz-zmien stipulat minhabba li kien qieghed jattendi kors fil-Germanja. Illi r-rikorrent fit-talba tieghu kien indika li hu kellu jmur lura lejn il-Germanja fit-19 ta’ Awissu 1987. Illi ghalkemm ir-rikorrent kien applika tard huwa xorta gie accettat u kunsidrat bhala kandidat ghal dak l-ezami.

Illi fit-30 ta’ Novembru 1987 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-ezami ghall-promozzjoni ghar-rank ta’ Spettur.

Illi dan l-ezami kien jikkonsisti f’zewg partijiet.

Illi dan l-ezami kien sejjer isir taht l-awspici tal-Bord ta’ l-Ezamijiet li huwa enti indipendenti mill-Korp tal-Pulizija.

Illi r-rikorrent kien applika sabiex joqghod ghal dan l-ezami.

Illi r-rikorrent kien ghadda mill-ewwel parti izda kien wehel fit-tieni parti liema rizultat kien hareg mir-Registratur ta’ l-Ezamijiet.

Ghaldaqstant l-intimat talab lill-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent billi ma saret preferenza indebita jew l-ebda eskluzjoni fil-konfront tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehed ir-rikorrent u kkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu. Zied jghid li dahal fil-Korp tal-Pulizija fil-5 ta' Frar 1979 fil-grad ta' Kuntistabbli u meta xehed kien fil-grad ta' Surgent, u kien ilu f' dak il-grad ghal 18-il sena. Fl-1984 gie trasferit ghall-Vice Squad li llum il-gurnata tissejjah Drug Squad. Fuqu kien hemm l-Ispetturi Joe Mifsud u Paul Debattista. Qal li parti mix-xoghol fid-Drug Squad li hu li titharreg f' dak il-qasam u ghalhekk hu attenda ghal diversi korsijiet fosthom wiehed fl-Ingilterra li kien dam gimgha u l-iehor fil-Germanja li dam tlettax-il xahar. Il-kors fl-Ingilterra kien jikkonsisti li fl-ahhar tal-gimgha tinghata certifikat li tkun attendejt izda fil-kors tal-Germanja kull nhar ta' Gimgha kellhom jaghmlu test li kien jikkonsisti f' revizjoni ta' dak kollu li jkunu qed jitghallmu. Kompla jghid li biex attenda ghal dan il-kors fil-Germanja kellu jistudja u jitghallem il-lingwa Germaniza. Meta spicca l-kors fil-Germanja rritorna lura Malta, f' Settembru 1987. Waqt li kien qed isegwi l-kors kien ukoll gie Malta ghal vakanza u f' dak iz-zmien kien applika biex jaghmel l-ezami ta' Spettur.

Eventwalment kien ghamel l-ezami ghal Spettur u kien gie nfurmat li ma ghaddiex. Kien hemm ohrajn ukoll li ma kienux ghaddew mill-ezami. Aktar tard kien sar ezami iehor u fil-fatt hafna minnhom kienu lehqu Spetturi. Zied jghid li f' dan it-tieni ezami ma thalliex japplika u hu lmenta minn dan il-fatt specjalment minhabba l-kwalifiki u l-korsijiet li ghamel. Kien ukoll mar ghamel refresher course fil-Germanja u kienu haduha bi kbira hemmhekk li hu ma nghatax il-promozzjoni. Sostna li kien hemm min kien mieghu ghall-kors u ha l-promozzjoni, u kien hemm anke min ma ghamilx tahrig u lahaq xorta.

Meta applika ghal Spettur peress li kien il-Germanja kien talab li jew japplika meta jkun Malta ghall-vakanzi jew inkella japplika zmien wara.  Qal li l-applikazzjoni li pprezenta tard kienet propju biex ilesti l-kors lokali li kellu jsegwi ghal Spettur.  Dan il-kors biex tilhaq Spettur kien fih il-ligi kif ukoll il-procedura ta' Spettur.  Dan ma kienx konness mal-kors li kien ghamel fil-Germanja ghax dak kien fuq id-droga.  Il-kors lokali kien twil aktar minn tmien xhur u hu kien falla l-ewwel gimghatejn tieghu peress li kien il-Germanja.  Wara l-kors riedu jaghmlu l-ezami tal-Malti, Ingliz u suggett iehor bhal Civil Affairs, u wara jekk jghaddu minnhom jaghmlu l-interview.  Hu kien ghadda mill-Malti u mill-Ingliz u b' hekk sar eligibbli biex ikompli l-kors.  Fl-ahhar tal-kors kellhom ezamijiet dwar il-ligi, l-investigazzjonijiet, il-proceduri tal-Pulizija u kien hemm xi suggett iehor.  Kellhom il-part 1 u l-part 2 u jekk tghaddi taghmel l-interview.  Ir-rikorrent kien wehel mill-part 2.

Xehed s-Suprintendent Raymond Vella Gregory li qal li ilu jaf lir-rikorrent ghal madwar 15-il sena.  Ftakar li ftit wara l-elezzjoni tal-1987 kellhom laqgha u kienu prezenti hu u r-rikorrent kif ukoll il-Ministru tal-Intern.  Din ma kenitx laqgha formali.  Il-Ministru nizel fis-CID Yard, ra c-certifkat li r-rikorrent kien gab mill-Germanja u l-Ministru qallu li minhabba dak ic-certifikat kellu jkollu r-rank ta' Spettur. Ix-xhud qal li kien qabel mal-Ministru izda ma ftakarx il-kliem ezatt li kien qal.

Xehed is-Supt. Ronald Kelly li qal li fit-22 ta' Lulju 1987 kienet harget call for applications Nru. 37/87 ghal dawk li jridu jattendu ghall-kors ghal training u joqghodu ghall-lectures li jwasslu ghall-ezami ghall-promotion ghal Spettur.  Kompla jghid li r-rikorrent kien talab li japplika tardivament peress li kien imsiefer u t-talba tieghu giet accettata.  Fit-30 ta' Novembru 1987 harget ic-cirkolari 69/87 in konnessjoni mal-ezami propja ghar-rank ta' Spettur.  L-ezami kien jikkonsisti fi tliet partijiet.  Min jehel minn Part I ma kienx seta' jkompli ghall-Parts II u III u min jehel minn Part II ma setax ikompli ghall-Part III.  Dan l-ezami kien taht l-awspici tal-Local Board of Examiners tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.  Ir-rikorrent kien talab li joqghod ghall-ezami u t-talba tieghu kienet giet accettata.

Ir-rikorrent kien ghadda mill-ewwel parti. Kienet saret it-tieni parti u meta hareg ir-rizultat isem ir-rikorrent biss ma kienx fuq il-lista. Il-lista kienet turi biss lil dawk li kkwalifikaw, pero` dawk li ma ghaddewx kien jidher biss l-index number taghhom. Fil-25 ta' Lulju 1998 harget cirkolari ohra numru 56/88 li kienet call biex membri minn Korp tal-Pulizija jpoggu ghal ezami iehor wara dan ta' qabel. Ir-rikorrent ma kienx applika ghal dan l-ezami.

Normalment kull min isir Spettur ikun suggett li joqghod ghall-ezami izda dak iz-zmenijiet kien hemm procedura ohra fejn kien hemm Maggur u l-Kummissarju kien kiteb lill-PSC u ssottometta r-ragunijiet tieghu ghaliex dan kellu jigi promoss ghal Spettur u l-PSC accettat din it-talba. Dan kien gie promoss minghajr ma kienet harget sejha.

Il-Korp tal-Pulizija ma kellu l-ebda kontroll fuq l-ezami. Ma kienx jaf min kienu l-membri tal-bord. L-ewwel parti tal-ezami kienet interview, physical fitness, ezami bil-miktub fil-Malti, fl-Ingliz u fil-Current Affairs.

Semma li fil-25 ta' Lulju 1988 harget cirkolari ohra ghall-post ta' Spettur tal-Pulizija skond cirkolari 58/88 ghal liema call ir-rikorrent ma applikax. F' dan l-ezami min ma ghaddiex seta' kemm jitlob ir-revision of papers kif ukoll jaghmel re-sit. Infatti kien hemm numru ta' nies li applikaw ghal re-sit.

Kompla jghid li mir-re-sit kienu ghaddew sittax. Kien sar ukoll interview ghal dawk li ma kienux ghaddew fir-re-sit sabiex ikunu jistghu jimtlew il-vakanzi kollha peress li kien hemm ezigenza ghalihom. Minn dak l-interview kienu ghaddew sebgha. Ikkonferma li kien sar high powered interviewing board ghal dawk li ma kienux ghaddew mir-re-sit liema board fil-fatt ma kienx progettat fic-cirkolari 56/88. B' hekk dahlu sebgha ohra. Dwar ic-cirkolari 56/88 qal li din tohrog u titqassam ghall-pulizija kollha. F'dan il-kaz kienet intuzat l-istess sistema li tintuza biex jitqassmu cirkularijiet ohra.

Xehed Manuel Gatt rapprezentant tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u ghandu l-kariga ta’ Principal fis-sezzjoni li ghandha x’taqsam ma’ l-ezamijiet lokali. Dwar l-ezamijiet ghal Spettur qal li normalment il-procedura kienet li ssir request mill-Kummissarju tal-Pulizija lil bord ta’ l-ezamijiet pubblici. Il-bord ta’ l-ezamijiet huwa kompost mill-persuni li jiffurmaw il-bord ta’ l-ezamijiet, imbaghad jigi appuntat bord biex jaghmel l-ezami in kwistjoni li jkun kompost minn persuni separati. Ghal kull suggett ikun hemm persuna differenti. F’dan il-kaz peress li l-ezami kien maqsum f’partijiet differenti kien hemm nies differenti fuq il-bord ta’ l-ezaminaturi. Il-kontroll ta’ l-ezami jaqa’ f’idejn ir-registratur ta’ l-ezamijiet.

F’kull ezami l-bord ta’ l-ezamijiet jaghzel mill-lista ta’ nies normalment tlett persuni li jkunu se jiehdu hsieb l-ezami partikolari. Il-kandidati ma jistghux inizzlu isimhom fuq il-karta izda jinghata index number u jkun irid inizzel dak. Bejn l-ewwel u t-tieni parti ta’ l-ezami in kwistjoni lill-kandidati kien inbidlilhom l-index number. Fl-ebda ezami bil-miktub l-ezaminatur ma jkun jaf l-index number ghal min jikkorrispondi. L-isem tal-ezaminaturi jkun ukoll kunfidenzjali u hemm numru ta’ kundizzjonijiet qabel ma l-ezaminatur jaccetta li jkun ezaminatur. Wahda minnhom hi li fost il-kandidati ma setghux ikun hemm persuni relatati ma’ l-ezaminatur. L-uniku mezz li ezaminatur isir jaf min hu l-kandidat u x’marki ottjena hu meta jigu pubblikati r-rizultati. Jekk kandidat ma jkunx sodisfatt bir-rizultat jista’ jitlob li l-karta tigi riveduta. Meta ssir din it-talba l-ezaminatur ma jkunx jaf min ikun talab ir-revizjoni. Ma dehrlux li r-rikorrent talab revizjoni tal-karta. Il-mod ta’ kif jigu allokati l-marki lill-kandidati huwa wiehed suggettiv. Id-Dipartiment tal-Ezamijiet jiehu hsieb l-istages tal-ezami u li l-process miexi kif suppost.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi hawnhekk jinkombi fuq it-Tribunal li jezamina dak li sar in segwitu ta’ l-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Spettur fl-1987 u in segwitu ghall-grad ta’ Spettur fl-1988 kif ukoll ghal hatra diretta minghajr applikazzjonijiet.

Ir-rikorrent huwa certament bniedem kapaci u abbli hafna. Hu kien mar jaghmel kors il-Germanja specjalizzat fuq id-drogi u fit-tarf tieghu kien applika ghll-kors ta’ Spettur. Kien ghadda mill-ewwel parti izda ma ghaddhiex mit-tieni parti. Dan l-ezami sar taht il-kontroll totali tar-Registratur tal-Ezamijiet u mhux tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dan huwa punt fundamentali ghax l-ewwelnett ir-rikorrent ghalkemm hemm provi sufficjenti li juru l-kapacitajiet tieghu b’ mod generali ma gab ebda prova li fil-fatt hu suppost ghadda hlief li b’ linja generali ssemmew il-kapacitajiet tieghu. Ir-rikorrent ma talabx revision of papers. Izda jinghad li f’ kull kaz qabel ma t-Tribunal japprofondixxi ulterjorment biex jara jekk b’ xi mod ir-rikorrent messux ghadda li responsabbli ghall-ezamijiet ma kienx il-Kummissarju tal-Pulizija izda r-Registratur tal-Ezamijiet li mhux parti fil-kawza. Illi ghalhekk taht dan l-aspett tal-ilment it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

Dwar ic-cirkolari tal-25 ta’ Lulju 1988, cirkolari 56/88, stranament ir-rikorrent ma applikax. F’ dan l-ezami sar ftit minn kollox ghax hawnhekk kuntrarjament ghall-ewwel ezami sittax li ma ghaddewx gew moghtija l-fakulta` ghal re-sit. Inoltre wara li xi whud regghu ma ghaddewx, u minghajr ma dan kien issemma fic-cirkolari msemmija sar high powered interviewing board li permezz tieghu sebgha ohra xorta wahda nghataw il-grad ta’ Spettur. Izda f’ dan il-kaz irid jinghad ghal skopijiet ta’ promozzjoni li r-rikorrent ma kienx applika ghalkemm certament dan il-fatt biss ma jaghlaqx il-kwistjoni hawn.

Kienet ukoll ftit stramba l-procedura li ntuzat biex persuna ohra saret Spettur minghajr ma kienet harget cirkolari. Dan mhux qieghed jinghad fis-sens li l-persuna l-ohra ma kienx haqqha ssir ghax it-Tribunal ma ghandu l-ebda prova jew suspett dwar dan u l-persuna li semmiet hija persuna rinomata ghax-xoghol u dedikazzjoni u kapacita`. Izda xorta wahda jibqa’ l-fatt li r-rikorrent la gawda taht nomina bhal dik, la bbenefika minn xi re-sit ta’ ezami bhal dawk is-sittax li bbenefikaw minnu u anqas gie moghti l-fakulta` bhas-sebgha l-ohra li lahqu permezz ta’ interview u mhux ta’ ezami.

Dan kollu jwassal ghall-fatt li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova li l-fatt li ma lahaqx jammonta ghal ingustizzja minhabba li dwar l-ezami tal-1987 ir-rikors gie istitwit kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u dwar tal-1988 minhabba li ma applikax. Izda jibqa' lampanti l-fatt li bniedem rinomat ghall-kapacita` tieghu bhar-rikorrent ghal raguni jew ohra ma giex moghti l-fakulta` ghal re-sit, ghal nomina diretta, jew ghal hatra wara interview. U hawnhekk wiehed isib l-elementi tal-ingustizzja li sofra r-rikorrent. Ghal dawn il-motivi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat dwar in-nuqqas ta' hatra ghal kariga ta' Spettur, fl-istess hin isib l-elementi ta' ingustizzja u jhoss li ghandu a tenur tal-Art. 7 (9) (d) tal-Kap. 394 jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira (Lm2000).

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------